MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Numru 550/2006

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
RAYMOND BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Borg ta' 46 sena, iben Angelo u Emanuela nee' Borg, imwieled Pieta' fil-5 ta' Jannar 1960, residenti f'139, Triq il-Kbira, Birkirkara u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 63660(M).

Billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fi Frar 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta'

hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' hdax-il elf, seba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm11, 735.80) ghad-dannu ta' W&M Zammit Tabona Ltd., operaturi tal-lukanda Fortina Spa Resort;

Kif ukoll akkuzat talli fl-istess perijodu u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe ffalsifika diversi *invoices*;

U aktar akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe ghamel uzu minn diversi *invoices* iffalsifikati;

U aktar akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

U aktar akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

U aktar akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe diversi *invoices* iffalsifikati;

U aktar akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, f'Marzu tas-sena 2006, bil-hsieb li jaghmel qliegh b'qerq ta' elf mitejn u erbatax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1214.20) ghad-dannu ta' W&M Zammit Tabona Ltd., operaturi tal-lukanda Fortina Spa Resort, ura dan il-hsieb b'atti esterni

u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tad-29 ta' Awissu 2007 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Raymond Borg, hati skond l-akkuzi u wara li rat Artikoli 18, 308, 309, 310, 183, 184, 187, 189, Artikoli 28A u 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn waqt li tordna l-hrug ta' *Compensation Order* fis-somma ta' **hamsa u ghoxrin elf tmien mija u sebgha u tletin Euro punt sitt centezmi (25,837.06 Euro)** liema somma tirraprezenta bilanc ta' somma aqwa u cioe s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf tlett mija u sebgha u tletin Euro punt sitt centezmi (27,337.06 Euro) (ekwivalenti ghal

Lm11,735.80) li minnhom tnaqqas 1,500 Euro li l-imputat hallas fil-mori tal-kawza. L-ammont inkorporat fil-*Compensation Order* fuq imsemmija trid tigi mhallsa fi zmien sitt xhur mid-data ta’ din is-sentenza.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, l-eta’ matura tieghu u l-fedina penali nadifa netta tieghu u dana kollu fl-isfond ta’ sommom sostanzjali li l-imputat irnexxielu jigwadanja illegalment mis-socjeta’ kwerelanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------